



# Dun Nazzaren Camilleri SDB

## Minn iben il-Parroċċa Stella Maris għall-musbieħ Salesjan jiddi

Fabian Mangion B.A., S.Th. Lic

Figura mill-isbaħ ta' Salesjan u qassis. Ħajja ddedikata għat-tagħlim tat-teoloġija u għall-formazzjoni tal-erwieħ.

Persuna mgħammra b'attenzjoni umana u divina, għaliex profondament ħasset il-ħbiberija, apprezzat il-ħajja u qieset is-siwi tal-valuri umani. Bniedem li b'sensittività tal-għaġeb ħa sehem fil-ferħ u fit-tbatija ta' ħaddieħor.

Kien ibbilanċjat u sensibbli fil-ħsibijiet tiegħu daqskemm fl-azzjoni, u b'konsistenza ċara li ma għarfet l-ebda kompromess. Dejjem disponibbli u, bi frott ta' fidi, distakk, umiltà, u abbandun, fehem jiggwida lill-erwieħ b'ħila u b'fermezza fl-ispirtu t'Alla.

### Iben il-parroċċa Stella Maris

Iben Ġużeppi u Ġovanna mwielda Muscat, it-tnejn minn Ħal Lija, Nazzarenu twieled f'Tas-Sliema, fit-18 ta' Novembru 1906. Jumejn wara, fl-20 ta' Novembru 1906, ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' Stella Maris minn Dun Franġisk-Vinċenz Manchè, kappillan tal-istess parroċċa. Flimkien mal-isem Nazzaren, li kellu jibqa' jissejjaħ bih, fil-fonti ġie msemmi wkoll Franġisk u Karmenu.

Il-parrini tiegħu fil-magħmudija kienu Ġużeppi Montesin u Karmena Sciberras, it-tnejn mill-parroċċa ta' Stella Maris.

Peress li l-familja tiegħu kienet tgħix fi Triq San Vinċenz kantuniera ma' Triq San Nikola, viċin ħafna tal-Oratorju Salesjan, minn età bikrija, huwa kiber u sar midħla tas-Salesjani.







Tabilħaqq, peress li l-Salesjani ta' Dun Bosco waslu f'Malta fl-1903, it-tfulija ta' Nazzaren ixxebilket mal-ewwel snin tal-Kongregazzjoni Salesjana Maltija.

It-tfajjel Nazzaren kien allegru, ħabrieki u eżemplari fid-dmirijiet tiegħu, ukoll bħala abbati fil-knisja ta' Stella Maris. Minn kmieni beda jimpressjona lil kulħadd bħala tifel ta' intelliġenza mhux komuni.

Għalkemm huwa qagħad u għadda minn eżami bl-intenzjoni li jsir apprendist fit-Tarzna, bil-ftuħ, fl-1920, tal-Istitut Sant'Anfons, f'Tas-Sliema, huwa rreġistra hemm bħala student estern.

Huwa kien tant milqut mill-ferħ, l-entużjażmu, il-kant u l-isport li sab fl-ambjent Salesjan, li ddeċieda fil-pront li jħalli warajh kull forma oħra ta' ħajja, kif ukoll iċ-ċans ta' xogħol bil-qligħ tal-flus, u jingħaqad mas-Salesjani.

**Jintbagħat jistudja Sqallija**

Wara ftit xhur ta' skola, ma kienx hemm aktar bżonn għalih li jidħol fil-klassi. Waħdu, huwa tgħallem ħafna qabel ma l-għalliema kienu jiġu fl-iskola biex jispjegaw. F'sena waħda, huwa temm il-programm ta' sentejn.

Għalhekk, fuq l-inizjattiva ta' Don Pietro Stella, Nazzaren intbagħat biex ikompli l-istudji tiegħu f'*San Gregorio di Catania*, fi Sqallija. Huwa kien wieħed mill-ewwel studenti tal-Kongregazzjoni Salesjana li ħalla Malta biex jissokta l-istudji tiegħu barra l-pajjiż.

Fi Sqallija, Nazzaren baqa' għal ħames snin (1921-1926). L-ewwel għamel it-tielet klassi tas-sekondarja u wara (1922-1923) għamel l-ewwel sena tiegħu bħala novizz. F'għeluq dik is-sena, fl-14 ta' Ottubru 1923, huwa għamel l-ewwel professjoni. Mill-1 ta' Settembru 1923, Nazzaren beda jħażżeż djarju personali li qatt ma kien maħsub li jiġi ppubblikat jew saħansitra jinqara minn oħrajn.

Minn dik il-prattika, li żamm sal-mewt, wieħed jinnota li mill-bidu, iddeċieda li jrawwem ħajja bbażata fuq żewġ sejħiet: imħabba għall-Madonna u għaqda tal-moħħ u l-qalb ma' Alla.



*Iż-żgħażugħ Nazzareno Camilleri*





Fil-fatt, fl-ewwel ġurnata niżżel il-proponiment tiegħu li lill-Madonna jsejħilha dejjem "ommi" u, fit-tieni ġurnata, kiteb: "Qalbna trid tkun dejjem magħquda ma' Alla, ukoll f'nofs l-istorbju tat-tfal."

Sfortunatament, minn dan id-*Diario Intimo*, ġew ippubblikati biss xi siltiet qosra. Huwa tip ta' ġurnal magħmul minn tmienja u għoxrin reġistru li b'kollox, jiġbru fihom madwar erbat elef paġna ta' kitba bl-idejn. Dawn kollha llum huma miżmuma fl-arkivji tal-Università Pontifiċja Salesjana, f'Ruma.

F'*San Gregorio di Catania*, Nazzaren studja sal-1926. Sussegwentement, ġie rreġistrat fl-Università Pontifiċja Gregorjana tal-Ġiżwiti, f'Ruma, biex ikompli l-istudji istituzzjonali tiegħu għas-saċerdozju. F'Ruma, hu kien joqgħod fid-dar Salesjana tal-Qalb ta' Ġesù, mibnija minn Dun Bosco stess f'*Via Marsala*, qrib l-istazzjon Termini tal-ferrovija. Minn hemm, kien jitlaq kuljum ma' sħabu l-istudenti l-oħra, aktarx bil-mixi, lejn l-università.

Fil-Gregorjana huwa temm b'suċċess il-korsijiet fil-filosofija (1926-29) u fit-teoloġija (1931-35). Waqt l-istudju tal-filosofija, għal darbtejn ġie ppremjat bil-Midalja Pontifiċja tad-Deheb (l-ewwel Premju).

Wara li fil-15 ta' Settembru 1929 ħa l-voti perpetwi, ġie mibgħut għal żmien qasir (1929-1931) fi Sqallija biex jgħallem il-filosofija f'*San Gregorio di Catania*. Hawn, il-filosofija għallimha għal sena waħda biss. Minħabba li tagħlim tiegħu kien tqil u hu, bl-intelligenza tiegħu, kien wisq profond fit-tagħlim, ħafna studenti bdew igergru u jilmentaw fuqu mas-superjuri. Minħabba f'hekk, kellu jsofri l-umiljazzjoni li jara lil ħaddiehor, li kien ġie warajh fl-eżami, jeħodlu postu u jiġi mdaħħal biex jgħallem minfloku, waqt lil lilu tawh jgħallem il-Latin.

**Lejn is-saċerdozju**

Fis-sena 1934 seħħew żewġ ġrajjiet importanti fil-ħajja ta' Dun Nazzaren. L-ewwel waħda seħħet fl-1 ta' April meta Dun Bosco ġie ddikjarat qaddis.

Kien propju fid-19 ta' Novembru 1933, wara li s-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti kienet studjat u approvat iż-żewġ mirakli ta' Dun Bosco mressqin fil-kawża għall-kanonizazzjoni tiegħu, li l-Papa Piju XI iffirma d-digriet li bih ta l-permess biex issir iċ-ċerimonja tal-Kanonizzazzjoni.

Għall-qari sollenni ta' dan id-digriet, Dun Nazzaren kellu x-xorti li jkun preżenti fil-Vatikan. It-tieni waħda kienet l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

Nhar Sibt il-Għid, 31 ta' Marzu, lejlet il-festa tal-Kanonizzazzjoni ta' Dun Bosco, waqt il-ferħ u l-entużjażmu tad-dinja kollha Salesjana, Nazzaren ġie ordnat suddjaknu.

Xahrejn wara, fis-26 ta' Mejju, ġie ordnat djaknu. B'hekk hu beda jaħseb għall-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu li issa kienet fil-qrib. Nazzaren ġie ordnat saċerdot f'Malta fit-30 ta' Settembru, 1934, minn Dom Mauro Caruana OSB, Arċisqof-Isqof ta' Malta, fil-Kappella tal-Oratorju Salesjan, Tas-Sliema, propju fil-post benniena tal-vokazzjoni tiegħu stess.

Fis-6 ta' Ottubru, is-Salesjani organizzaw akkademja mużikali f'ġieħ dan is-saċerdot novell. Fit-teatru tal-Oratorju tas-Salesjani, li kien mimli daqs bajda, Dun Nazzaren ħa l-opportunità biex jirringrazzja lill-ġenituri, il-qraba u l-ħbieb tiegħu u ma naqasx li jwassal kelma ta' gratitudni lil Alfons Maria Galea, il-magħruf benefattur Salesjan, li kien preżenti wkoll.







*Flimkien mal-Kardinal Hlonde, Dun Nazzarenu huwa l-ewwel Wieħed minn fuq mill-lemin*

L-għada, 7 ta' Ottubru, Camilleri ippresieda l-ewwel quddiesa sollenni tiegħu fil-parroċċa ta' Stella Maris, Tas-Sliema, *"taħt il-ħarsa tal-Kewkba tal-Baħar li ratni nitwieled fil-fonti tal-Magħmudija, u fuq l-artal imqaddes fejn hi ratni wkoll għall-ewwel darba ningħaqad ma' Binha Ġesù"* kif hu stess kiteb fuq is-santa tat-tifkira tal-ewwel quddiesa.

Wara dan kollu, huwa reġa' telaq lejn Ruma biex jissokta l-aħħar sena tal-istudji tiegħu fil-Gregorjana. Din is-sena kellha tagħlaq bl-eżami tal-Liċenzja fit-Teoloġija.

**Professur**

Wara li temm l-istudji tiegħu fl-Università Pontifiċja Gregorjana (1935), Camilleri inħatar professur tat-teoloġija u l-prefett tal-istudji fl-Oratorju Salesjan li jinsab qrib il-Katakombi ta' San Kallistu, Ruma.
Dun Nazzaren għamel sentejn f'San Kallistu (1935-1937) jgħallem u jmexxi l-iskola, jattendi l-università, iżur il-biblijoteki, jirriċerka kotba, jikteb u jiddiskuti ma' Padre Giuseppe Filograssi SJ, il-professur li kien qiegħed jiggwidah fit-tħejjija tat-teżi tiegħu.





Bħala suġġett ta' studju għal din it-teżi, żgur li ma setax jagħżel wieħed iktar astratt u diffiċli minn dak li għażel! Huwa ried li jinvestiga u jidħol fil-fond dwar kif ruħ il-bniedem, maħluq u limitat, tista' tingħaqad ma' Alla fis-sema u tgawdi d-dehra tiegħu, hu li hu etern u infinit.

F'Awwissu 1937, Camilleri ġie nnominat bħala professur tat-teoloġija morali fl-*Institutum Theologicum Princeps*, magħruf bħala *Crocetta*, f'Turin. Dan l-istitut, mit-3 ta' Mejju 1940, sar magħruf bħala l-*Pontificio Ateneo Salesiano*. Hawnhekk huwa qagħad għal sentejn oħra li matulhom kompla jaħdem fuq it-teżi tiegħu.

Fil-11 ta' Jannar 1940 huwa ppreżenta t-teżi tiegħu, miktuba bil-Latin, f'idejn il-bord tal-eżaminaturi tal-Gregorjana.

Lura f'Turin, huwa stenna bil-ħerqa u l-qtigħ ta' qalb il-waqt li l-eżaminaturi jaqraw il-kitba tiegħu, jagħtu l-ġudizzju tagħhom fuqha u jistabbilixxu l-ġurnata li fiha jiddefendiha fil-pubbliku.

Dik il-ġurnata waslet fil-15 ta' Ġunju. Dakinhar, Dun Nazzaren iddefenda t-teżi tiegħu quddiem il-bord u fit-18 ta' Ġunju 1940 ġie mogħti dottorat *Summa cum Laude* fit-Teoloġija. Fl-1944, Camilleri ppubblika selezzjonijiet mit-teżi tiegħu taħt it-titolu *De Natura Actus Visionis Beatificæ* (Dwar in-Natura tal-Viżjoni Beatifika).

Fl-1940, meta l-Italja ssieħbet f'alleanza mal-Ġermanja u l-Ġappun fit-Tieni Gwerra Dinjija, Camilleri ġie internat. Dan seħħ minħabba l-fatt li, bħala ċittadin Malti, huwa kien sudditu tal-kuruna Ingliża.

Minkejja dan, l-awtoritajiet Taljani, meta raw li ma kienx persuna perikoluża, għażlu li jżommuh f'residenza Salesjana. Konsegwenza ta' dan, Dun Nazzaren għamel il-perjodu tal-gwerra fit-Tramuntana tal-Italja, l-ewwel fi Chieri (1940-42) fejn kien Direttur tal-istudenti Salesjani tat-Teoloġija, u aktar tard f'Montalenghe (1942-45) fejn inħatar Dekan tal-Fakultà tal-Filosofija.

**Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija**

Wara l-mewt, fit-3 ta' Jannar 1945, ta' Don Eusebio M. Vismara, professur magħruf tad-Dommatika u tal-Liturġija, Camilleri kien lura f'Turin bħala Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università Pontifiċja Salesjana, prinċipalment biex jgħallem it-teoloġija Dommatika u l-Axxetika. Bejn l-1945 u l-1954 għallem lil bosta studenti internazzjonali, fosthom lil Raúl Silva Henríquez, kardinal Salesjan Ċilen, u diversi isqfijiet Salesjani.

Wieħed mill-kollegi tiegħu f'dak iż-żmien, kiteb: *"aħna rajna u apprezzajnieh fid-diskussjonijiet filosofiċi u teoloġiċi twal. Aħna segwejnieh b'interess, ammirajna il-fermezza tad-duttrina teoloġika tiegħu, l-eżattezza tal-ġenju tiegħu, l-imħabba u r-rabta li kellu għall-Papa u għal Dun Bosco, il-qdusija li wera lejn il-membri tiegħu, is-sempliċità li ħarġet mill-attitudni tiegħu."*

Camilleri ħa sehem b'mod attiv fi tliet kungress internazzjonali, jiġifieri t-Tielet Kungress Internazzjonali tal-Filosofija Tomista (*Third International Thomistic Congress of Philosophy* - 1949), l-Ewwel Kungress Ġenerali tal-Ordnijiet Reliġjużi (*First General Congress of Religious Orders* - 1950) u l-Ewwel Kungress Pedagoġiku Internazzjonali għar-Reliġjużi Sorijiet (*First International Pedagogical Congress for Religious Sisters* - 1951). Id-diskorsi tiegħu kienu ġew





ippubblikati fl-atti u d-dokumenti uffiċjali tal-kungressi rispettivi.

Fl-1954, is-sorijiet Salesjani, magħrufa bħala 'Ulied Marija Awżiljatriċi', iddeċidew li huma wkoll jiftħu isititut ta' studji għolja f'Turin għall-istudenti tagħhom. Dan wassal lil Dun Nazzaren biex, filwaqt li jibqa' jagħti lekċers fid-Dommatika u fl-Axxetika, iħalli l-uffiċċju tiegħu ta' Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija u jsir wieħed mill-professuri f'dan l-istitut tas-sorijiet.

Huwa dam jgħallem fl-Istitut tal-Pedagoġija u Studji Reliġjużi (aktar tard, fl-1956, imsejjaħ il-Fakultà tax-Xjenzi Edukattivi) sal-1965. Tul dawn is-snin, Dun Nazzaren kien ukoll jaqdi appostolat qaddis, għalkemm moħbi, fil-qrar u fid-direzzjoni spiritwali. Jingħad li f'dan il-ministeru, bħal fit-tagħlim, kien ukoll strett fid-dixxiplina imma ħlejju fi kliemu.

Fl-għeluq ta' dik is-sena akkademika (1964-65), il-fergħa ta' Turin tal-università kienet assimilata mill-fergħa ta' Ruma. Għalhekk, Camilleri kompla jgħallem fl-Università Pontifiċja Salesjana f'Ruma għal sena oħra sakemm hu rtira mill-professjoni tiegħu fl-1966. Matul dawn is-snin kollha ta' tagħlim, għallem studenti ta' nazzjonalitajiet differenti, uħud minnhom ikkonvertiti għall-fidi Kattolika.

**Lejn it-tmiem**

F'Mejju 1966, qalbu ċediet u kulħadd beża' li Dun Nazzaren spiċċa. Kien l-ewwel attakk tal-qalb li kien għoddu ħadu fil-qabar. Bejn l-20 ta' Ġunju u d-29 ta' Settembru, 1972 żar Malta għall-aħħar darba. Inqas minn ħames xhur wara, is-saħħa tiegħu iddeterjorat drastikament.

L-uġigħ kbir u tħarħir li ġarrab, ma setgħux iċaħħdu lill-vista tiegħu milli taqa' fuq il-kurċifiss imdendel mal-ħajt quddiemu akkumpanjat mill-immaġni ta' Marija Għajnuna tal-Insara.

Fis-27 ta' Frar 1973 amministrawlu s-sagrament tal-Griżma tal-Morda. Qabel ma rċieva dan is-sagrament, qal: *"Meta tlabt biex jagħmluli dan is-sagrament tal-Morda, jien kelli f'moħħi li nagħmlu bħala att ta' fidi: fidi fis-sagrament stess u fidi fit-tagħlim kollu ta' Ommna l-Knisja mqaddsa, tal-imgħoddi, tal-lum u ta' li ġej. Dan it-tagħlim kollu tal-Knisja jien naċċettah, bla ma nirrofta minnu l-ebda farka. U t-tieni ħsieb tiegħi huwa dwar il-karità: nirringrazzja lil kulħadd u lil kulħadd ngħid arrivederci! Jalla nerġgħu niltaqgħu, jew hawn, jew fil-ġenna!"*

*In aura sanctitatis* (b'fama tal-qdusija) huwa ġie msejjaħ biex jiltaqa' mal-Imgħallem tiegħu fl-4.30 ta' filgħodu tal-1 ta' Marzu 1973 – 45 sena ilu. Il-mewt tiegħu kienet kalma u fil-paċi. Issa li l-affan kien waqaf u l-uġigħ kien intemm, ħajtu ntfiet fis-skiet, bħalma tintefa xemgħa. Il-funeral tiegħu, li kien jixbah festa ta' qaddis aktar milli akkumpanjament ta' mejjet lejn il-qabar, sar fil-kappella prinċipali tal-Università Pontificja Salesjana u tmexxa minn Don Luigi Ricceri, Rettur Maġġur tal-Salesjani.

Wara dan, il-fdalijiet ta' Dun Nazzaren ġew midfuna fil-kappella tal-Salesjani, fiċ-Ċimiterju ta' Genzano, Ruma.

Camilleri kien ammirat bil-bosta għall-ispiritwalità tiegħu. Fl-1983, għaxar snin wara l-mewt tiegħu, il-Papa ta l-permess għall-inawgurazzjoni tal-proċess kanoniku għall-beatifikazzjoni tiegħu, u l-kanonizzazzjoni eventwali.





Fl-1989 ġie ppubblikat il-ktieb *Articoli di Prova Testimoniale* li jiġbor fih l-hekk imsejħa Dikjarazzjonijiet ta' Xhieda għall-virtujiet erojtiċi tiegħu.

**Teologu u mistiku**

Il-ħidma intellettwali, professjonali u prattika ta' Camilleri kienet fuq kollox relatata mal-edukazzjoni taż-żgħażagħ. Kien bniedem ta' intellett spekulattiv formidabbli. Fit-tagħlim u l-kitbiet tiegħu, huwa kkomunika t-tama li ltaqa' magħha fil-Filosofija u l-grazzja li kiseb mit-Teoloġija. Kellu rabta intellettwali ma' Tumas ta' Akwinu u xtaq li l-istudenti tiegħu jitgħallmu sew jaqrawh fil-fond u jifhmuh bil-fedeltà.

Bħala teologu u kittieb rinomat, minbarra t-teżi tiegħu, huwa ppubblika wkoll diversi kitbiet ta' ħsieb spiritwali u filosofiku f'ġurnali barra minn Malta, bħal: *Salesianum*, *Rivista di Pedagogia e Scienze Religiose*, *Catechesi*, *Rivista dei Giovani*, *Bollettino Salesiano*, *Voci Fraterne*, *Teatro dei Giovani*, u *L'Osservatore Romano*; u, f'Malta: *Bullettin Salesjan*, *Leħen is-Sewwa*, *Il-Ħajja*, *Il-Futur*, u *The Times of Malta* fost l-oħrajn.

Moħħ u qalb: dan huwa binomju ta' Dun Nazzaren Camilleri tal-Salesjani ta' Don Bosco. Raġel ta' intelliġenza straordinarja; direttur spiritwali imfittex għal parir minn nies sempliċi kif ukoll isqfijiet u kardinali; raġel ta' għerf u pietà li għex ħajja ordinarja.

Filwaqt li Malta tkabbret bill-wild ċelebri tagħha u l-Università Pontifiċja Salesjana xegħlet bl-għerf tiegħu, il-Kongregazzjoni Salesjana tiftaħar lil kellha lilu b'xempju ta' qdusija.

Dun Nazzaren kien veru għalliem u tabilħaqq appostlu: professur tat-Teoloġija u mgħallem ta' ħajja spiritwali, appostlu tal-konfessjoni u tad-direzzjoni tal-erwieħ.

Huwa kien eminenti fit-tagħlim iżda mhux inqas fit-tjubija. Wieħed li xeħet dawl fit-triq għal oħrajn biex isegwu il-passi tiegħu għaliex huwa ħadem bl-istess ħeġġa ta' Dun Bosco li ma kellu ebda xewqa oħra milli jirbaħ l-erwieħ, u jwarrab il-bqija - *Da Mihi Animas Caetera Tolle.*

**Biblijografija**

Arkivju Parroċċa Stella Maris, Sliema, *Liber Baptizatorum*, Vol. VI, p. 76.

Agius, B., "Jibda l-proċess tal-kanonizzazzjoni ta' saċerdot Malti," f'*Il-Mument*, 8 ta' Jannar 1995, p. 22.

Ciarlo, J., "Dun Nazzaren Camilleri," f'*Leħen is-Sewwa*, 9 ta' April 2017, p. 24.

Grech, P., *Il-Professur Dun Nazzaren Camilleri: Salesjan Malti fit-Triq tal-Qdusija?*, Malta, 1985.

Montebello, M., *Il-Ktieb tal-Filosofija f'Malta*, vol. I u II, Malta, 2001.

Muscat, C., "Is-Salesjan Dun Nazzaren Camilleri ... fil-proċess tal-beatifikazzjoni," f'*Il-Mument*, 25 ta' Jannar 2015, p. 26.

Vella, C., *Sinjali Maltin ta' Żmienna*, Malta, 2000.

Staff Reporter, "Maltese Professor Visits the Island," f'*Times of Malta*, 19 ta' Awwissu 1953, p. 7.